**6 ta' Frar, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Mariano Sarè
*versus*
Antonio Ellul et.

**Benefiċċju tal-Foqra — Perit Ġudizzjarju — Ħlas tal-Onorarju Tiegħu — Art. 671 u 668 tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk f'kawża jkun ġie nominat perit ġudizzjarju, u l-onorarju tal-perit għandu, skond id-digriet tan-nomina tal-perit, jitħallas jew jiġi depożitat provviżorjament mill-attur, u fil-kors tal-kawża dan jiġi ammess għall-benefiċċju tal-foqra u jagħmel talba biex ir-rapport tal-perit jinfetaħ bla ma huwa jħallas dak ir-rapport, il-Qorti, qabel ma tiddeċidi fuq dik it-talba, għandha tara fl-interess ta' min fost il-partijiet ġie mogħti l-provvediment tan-nomina tal-perit.*

*U biex tara jekk dik in-nomina tkunx saret fl-interess taż-żewġ partijiet jew ta' waħda minnhom biss, jeħtieġ li ssir riferenza għad-digriet tan-nomina; għax meta n-nomina tkun*

*mitluba mill-attur sabiex jipprova fatt li fuqu jkun trid jibbaża l-azzjoni tiegħu, id-dritt tal-perit għandu jiġi provviżorjament imħallas jew depożitat mill-attur stess, mentri fil-każ l-oħra huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċidi. wara li tieħu in konsiderazzjoni l-interess ta' kull waħda mill-partijiet fil-kawża, f'liema proporzjoni kull waħda għandha tikkontribwixxi għall-ħlas tal-perit. Jekk minn dan il-konfront jirriżulta li n-nomina saret fl-interess tal-attur, it-talba tiegħu fuq imsemmija mhix attendibbli.*

Il-Qorti :— Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Diċembru 1957, li bih l-attur ġie ammess għall-benefiċċju tal-fqar;

Rat ir-rikors tal-15 ta' Ottubru 1957 (fol. 177), u l-verbal tat-13 ta' Diċembru 1957 (fol. 180), mnejn jirriżulta illi l-attur talab li r-rapport tal-perit ġudizzjarju jinfetaħ, u illi l-konvenut oppona ruħu għal din il-publikazzjoni, għar-raġuni illi l-attur ottjena l-imsemmi benefiċċju mhux biex jagħmel il-kawża, imma biex ikompliha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jinvoka favur tiegħu d-dispożizzjoni tal-art. 671 Proċ. Ċiv., in vista tal-fatt li huwa ġie ammess għall-benefiċċju tal-fqar, iżda qabel xejn irid jiġi eżaminat jekk il-perit tekniku ġiex nominat fl-interess taż-żewġ partijiet jew tal-attur biss; għaliex, kif irriteniet dil-Qorti fil-kawża "Galea vs. Ellul", deċiża fit-2 ta' Frar 1866, "l'articolo 681 (il-lum 671) delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile è applicabile ad un caso in cui la parte che litigasse senza tale beneficio (jiġifieri tal-fqar) fosse tenuta al pagamento del diritto dovuto al perito" (Kollez. III, paġ. 522); u dan għaliex, kif osservat dik is-sentenza, "al convenuto non corre alcun obbligo di contribuire del proprio alle spese necessarie per appoggiare la domanda contro di lui proposta". Konsegwentement trid issir l-indaġini ġa aċċennata;

Illi, biex wieħed jara jekk in-nomina ta' perit ġudiz-

zjarju tkunx saret fl-interess taż-żewġ partijiet jew ta' waħda minnhom biss, jeħtieġ li ssir riferenza għad-digriet li bih ikun ġie nominat, fejn, skond l-art. 668 Proċ. Ċiv., il-Qorti għandha ssemmi min fost il-partijiet għandu provviżorjament iħallas jew jiddepożita d-dritt tal-perit; meta n-nomina tkun mitluba mill-attur sabiex jipprova fatt li fuqu jkun irid jibbaża l-azzjoni tiegħu, id-dritt tal-perit għandu jiġi provviżorjament imħallas jew depożitat mill-attur stess; fil-każi l-oħra kollha huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeċidi, wara li tieħu in konsiderazzjoni l-interess ta' kull waħda mill-partijiet fil-kawża, f'liema proporzjon kull waħda għandha tikkontribwixxi għall-ħlas tal-perit;

Din id-dispożizzjoni hija l-applikazzjoni tal-prinċipju illi, peress li l-perizja hija mezz ta' prova, l-ispiża meħtieġa għandha tkun imħallsa provviżorjament minn min hu obligat jipprova l-fatt li għalieh il-perizja tkun saret; għalhekk, kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża "P.A.A. Giovanni Camilleri vs. Giuseppe Lia", deċiża fid-19 ta' Ġunju 1918, "in tesi generali, quando il diritto del perito è dalla Corte provvisoriamente messo a carico di uno dei contendenti, nasce la presunzione che l'incarico abbia per oggetto una prova richiesta nell'interesse di tale contendente cui incombe di stabilire" (Kollez. XIII-I-594);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta li fid-digriet tas-26 ta' Ġunju 1954 (fol. 138) l-ispejjeż tal-perizja ġew provviżorjament akkollati lill-attur. Xejn ma jiswa illi l-perit ġie nominat biex "jillikwida" l-kumpens dovut lill-istess attur għax-xogħol minnu pretiż fiċ-ċitazzjoni (fol. 80); għaliex jibqa' dejjem illi, ladarba l-konvenuti kkontestaw dak ix-xogħol (ara l-eċċezzjonijiet tagħhom fol. 6 u r-rikonoxximent ta' din il-kontestazzjoni mill-parti tal-istess attur fol. 63), il-prova tax-xogħol u tal-konsistenza u tal-kumpens tiegħu kienet tinkombi lill-attur; u għalhekk il-perizja, intiża biex tissostanzja dik il-pretensjoni, ġiet nominata mill-Qorti fl-interess tal-attur biss, u l-konvenut mhuwiex tenut, lanqas provviżorjament, jikkontribwixxi ebda parti mill-ispiża relattiva (ara każ analogu riportat fil-Kollezzjoni, Vol. XXIII-I-594);

Illi, barra minn dan, fil-fehma tal-Qorti, l-art. 671 *invokat mill-attur mhux applikabbli fir-rapporti nterni bejn* il-partijiet, imma biss fir-relazzjoni ta' dawn mal-perit, u s'issa ma jidherx li l-perit nominat irid jipprevalixxi ruħu minn dik id-dispożizzjoni. Din l-interpretazzjoni tidher suffragata mhux biss mill-fatt li l-art. 671 jinsab fis-subtitolu "Fuq il-Periti", iżda anki mill-istess lokuzzjoni tiegħu u mill-ġurisprudenza (Kollez., XIV, 5); diversament, il-parti li tkun fil-kawża mingħajr il-benefiċċju tal-fqar tista' tiġi aggravata billi tkun kostretta tħallas parti mill-ispejjeż tal-perizja anki meta din tkun ġiet ordnata fl-interess esklużiv tal-parti l-oħra — ħaġa din li tmur kontra l-prinċipju stabbilit fl-art. 668 fuq ċitat, li ma għandux isofri fl-applikazzjoni tiegħu minħabba l-benefiċċju tal-fqar mogħti lil waħda mill-partijiet fil-kawża;

*Illi*, ladarba l-art. 671 fuq riferit mhux applikabbli, u lanqas jista' jiġi nvokat mill-attur, il-kwistjoni sollevata mill-konvenut skond il-verbal fol. 180 ma hemmx bżonn tiġi riżoluta;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba tal-attur relattiva għall-ftuħ tar-rapport tal-perit ġudizzjarju, *bl-ispejjeż kontra* tiegħu;

U tiddiferixxi l-kawża għall-udjenza tat-13 ta' Marzu 1958, biex titkompla skond il-liġi.